# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 16**

**Rikors Numru 124/2023**

**(1) Saviour Cutajar (ID No: 0220355M);**
**(2) Rita Farrugia (ID No: 798860M);**
**(3) Shirley Ann Said (ID No: 25573M) bħala kuratriċi ta' missierha Arthur Agius (ID 797843M) kif nominata b'Digriet Numru 761/2021 moghti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), kopja hawn anness bhala Dok. 'A'**

**vs**

**Antoinette Micallef (ID No:63672M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Saviour Cutajar, Rita Farrugia, u Shirley Ann Said għal missierha Arthur Agius (l-Atturi) tas-6 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi fis-17 ta` Marzu 2019 miet sine prole Emanuele Cutajar (gja1 detentur tal-Karta tal-Identita1 Numru 0745925M) – ara Ċertifikat tal-Mewt hawn anness bhala Dok. `B`.

2. Illi skond ir-riċerki testamentarji tiegħu (hawn anessi bhala Doks. `ċ` u `D), is-suċċessjoni tiegħu kienet regolata permezz tal-ahhar testament revokatorju data 21 ta` Lulju, 2015 in atti Nutar Dottor Annalisa Caruana (kopja hawn annessa bhala Dok. `E`)

3. Illi premezz tar-raba artikolu tal-imsemmi testament id-defunt Emanuele Cutajar innomina lill-intimata Antoinette Micallef bhala eredi universali tiegħu filwaqt li halla b` titolu ta` legat lir-rikorrenti Saviour Cutajar , Rita Farrugia u Arthur Aguis ( li f` din il-kawża qed taġixxi għalih bintu Shirley Ann Said bhala kuratriċi tiegħu) flimkien mal-istess intimate Rita Farrugia u huha Innoċent magħruf bhala Vincent Cutajar kull sehem illi huwa għandu mill-għalqa msejha ` Tas-Sigra` bil-fabbrikat rustiku ta` ġo fiha li tinsab fi Triq Hal Safi,Gudja liema għalqa għandha bir u ġiebja, liema għalqa hi ahjar deskritta fir-rapport peritali li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa bhala Dok , `F`,

4. Illi għalhekk it-tlieta rikorrenti odjerni thallew legat ta` kwint (1/5) indiviz kull wiehed mill-għalqa indikata fil-premessa preċedenti.

5. Illi wkoll permezz tas-seba` artikolu tal-imsemmi testament l-imsemmi defunt Emanuele Cutajar halla b` titolu ta` legat lir-rikorrent Saviour Cutajar il-qabar numru sebgħa (7) li jinsab fir-Cimiterju Parrokkjali tal-Gudja, denominat ` Tat-Torba`, illi huwa kien xtara qabel iż-żwieġ tiegħu ( u kwindi l-imsemmi qabar kien jappartjeni lilu wahdu parafernalment ) b` kuntratt data 12 ta` Frar, 1974 in atti Nutar Dottor Carmelo Lia.

6. Illi r-rikorrenti kollha għamlu d-dikjarazzjoni causa mortis relattiva skond il-liġi (ara kopji hawn annessi bhala Doks. `G` , `H` u ` I`) u hallsu t-taxxa relattiva skond il-liġi.

7. Illi naturalment ir-rikorrenti jridu li huma jiġu immessi mill-intimata fil-pusses tal-legat/I lilhom imhollija mid-defunt Emanuele Cutajar kif fuq imsemmi, liema immsijoni baqgħet ma saritx minkejja l-interpellazzjonijiet magħmula u għalhekk kellha ssir din-il kawża.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m` għandhiex din l-Onorabbli Qorti-:

(i) Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtieġa u neċessarja tiddikjara illi kull wiehed mir-rikorrenti Saviour Cutajar , Rita Farrugia u Arthur Aguis( li f` din il-kawża qed taġixxi għalih bintu Shirley Ann Said bhala Kuratruċi tiegħu) ġew imhollija b` titolu ta` legat mid-defunt Emanuele Cutajar

sehem ta` kwint (1/5) indiviż minn kull sehem li kellu l-istess decjus mill-għalqa msejha ` Tas-Siġra` bil-fabbrikat rustiku ta` ġo fiha li tinsab fi Triq Hal Safi , Gudja u dan a tenur tar-raba` artikolu tal-ahhar testament revokatorju tiegħu data 21 ta` Lulju, 2015 in atti Nutar Dottor Annalisa Caruana;

(ii) Tiddikajara in oltre illi r-rikorrent Savior Cutajar ġie mholli b` titolu ta` legat il-qabar numru sebgħa (7) li jinsab fiċ-Ċimiterju Parrokjali tal-Gudja , demoinat ` Tat-Torba`, u dan tas-seba ` artikolu tal-ahhar testament revokatorju tiegħu data 21 ta `Lulju ,2015 in atti Nutar Dottor Annalisa Caruana:

(iii) Tordna u tikkundana lill-Intimata Antoinette Micallef bhala eredi universali tad-defunt Emanuele Cutajar sabiex timmitti lir-rikorrenti Saviour Cutajar, Rita Farrugia u Arthur Aguis ( li f` din il-kawża qed taġixxi għalih bintu Shirley Ann Said bhala kuratriċi tiegħu) fil-pussess ta sehem` ta` kwint (1/5) indiviż ta` kull sehem li kellu d-deċujus mill-għalqa msejha ` Tas-Siġra ` bil-fabrikat rustiku ta` ġo fiha li tinsab fi Triq Hal Safi , Gudja;

(iv) Tordna u tikkundanna lill-Intimata Antoinette Miallef bhala eredi universali tad-defunt Emanuele Cutajar sabiex timmitti lir-rikorrenti Savior Cutajar fil-pusses il-qabar numru sebgħa (7) li jinsab fiċ-ċimterju Parrokjarli tal-Gudja, denominat ` Tat-Torba`:

(v) Tinomina nutar pubbliku sabiex jilqa` u jippublika l-att/I relattivi /I ta` immissjoni fil-pussess u sabiex jirreġistra tali att/I ta` imissjoni fil-pussess u sabiex jirreġistra tali att/I skond il-liġi;

(vi) Tinnomina kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-intimata Antoinette Micallef fuq dawn l-atti pubbliċi ta` immissjoni fil-pusses fl-eventwalita tal-kontumaċja tagħha; u

(vii) Tiffissa data, lok u hin għall-publikazzjoni tal-atti pubbliċi ta` immisjoni fil-pussess in konsegwenza tat-tielet u r-raba talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjez konha kontra l-intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Antoinette Micallef (il-konvenuta) tas-26 ta' April 2023 li permezz tagħha wieġbet u eċċepixxiet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hija wahda intempestiva ghall-ahhar stante li m'huwa minnu xejn hekk kif halef ir-Rikorrent Saviour Cutajar li huwa

ghamel xi interpellanzi fil-konfront tal-Intimata-Eccipjenti. Dan ghandu jittiehed in konsdierazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti kemm in kwantu l-kredibbilita tar-Rikorrent Saviour Cutajar u kif ukoll fl-ahhar ta' dan l-iter processwali in kwantu minn ghandu jehel l-ispejjez ta' din l-istanza;

2. Illi l-gudizzju m'huwix wiehed integru ghaliex hemm legatarju iehor, Innocent Cutajar, li jigi hu l-Eccipjenti, li kellu jigi inkluz fil-kawza odjerna;
3. Illi in ogni caso, il-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
4. Illi l-Intimata minn dejjem riedet li timetti fil-pussess tal-legati skont it-testment a a favur ir-Rikorrenti qua legatarji u dana hekk kif ser ikollha l-opportunita' li hija tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;
5. Ili l-istess Rikorrent Saviour Cutajar qabad u inizzja l-proceduri odjerni meta huwa stess lanqas biss ried imur ghand in-Nutar Pubbliku Dr. Annalisa Caruana;
6. Illi l-Intimata, hekk kif ser ikollha l-opportunita' tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna, sabiex tesegwixxi dak li hemm fir-Raba [4] Artikolu tat-Testment gja' wettqet bosta spejjez sabiex taccerta ruhha li kull legatarju hemm imsemmi jiehu kwota ta' circa l-istess valur, liema ghalqa hija komodament divizibbli;
7. Ili tant l-istess Intimata m'hux qedha tithalla tesegwixxi dak li hija obbligata twettaq a tenur tat-Testment in disamina, li l-access ghall-istess ghalqa gie imblokkat billi l-bieb li jaghti access ghall-istess ghalqa, gie mibdul il-katnazz tieghu;
8. Illi ghalhekk isegwi li l-Intimata m'ghandha tehel l-ebda spejjez ta' din l-istanza;
9. Salv linji difensjonali ulterjuiri hekk u meta permessi mil-ligi.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda ta' dawk li tressqu fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatt**

Emmanuele Cutajar miet mingħajr ebda tfal tiegħu, fis-17 ta' Marzu 2019 (ara Dok B). L-eredita' tiegħu hija regolata bit-testment datat 21 ta' Lulju 2015 fl-atti tan-nutar Annalisa Caruana.

Bis-saħħa ta' dan it-testment kull wieħed mill-Atturi wirtu l-kwint indiviż (1/5) tal-għalqa mlaqqma "*Tas-Sigra*" li tinsab fi Triq Ħal Safi, il-Gudja. L-Attur Saviour Cutajar tħalla' wkoll bħal legat il-qabar numru 7 li jinsab fiċ-ċimiterju Parrokkjali tal-Gudja denominat "*Tat-Torba*". Il-konvenuta li hija eredi universali wirtet ukoll il-Kwint indiviż tal-għalqa inkwistjoni.

Jidher li l-Atturi u l-konvenuta ma kinux tal-istess fehma x'għandu jsir mill-għalqa fuq imsemmija u għalhekk l-Atturi kellhom jagħmlu din il-Kawża biex ikunu mmessi fil-pussess fis-sehem tagħhom fil-pussess tal-għalqa imsemmija u kif ukoll il-qabar inkwistjoni imħolli b'legat lill-Attur Saviour Cutajar.

**Punti ta' Liġi**

Jibda biex jingħad li artikolu 721 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li *"(1) Kull legat pur u sempliċi jagħti lill-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jgħaddi għall-werrieta tal-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat*".

It-tagħlim ġurisprudenzjali dwar dan l-artikolu huwa fis-sens li mal-mewt tad-decujus il-proprjeta' tal-legat tgħaddi favur il-legatarju, mentri l-pussess hu trasferit lill-eredi. Għandha dejjem issir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-propjeta` ta' l-istess legat għax il-pussess jgħaddi '*per modum continuations*' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-ġurnata tal-mewt tiegħu.

Dan ifisser li l-legatarju hu obbligat li jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-propjeta`, jew id-"dritt" għal ħaġa legata, issir tal-legatarju mill-ġurnata ta' l-

apertura tas-suċċessjoni bis-saħħa unikament tad-dispożizzjoni testamentarja, mingħajr in-neċessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u saħansitra ad insaputa tiegħu, u dan indipendentement mill-immissjoni tiegħu fil-pussess tal-legat" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Stella Briffa et -vs- Caterina Scicluna et deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 1959 – Vol. XLIII.ii.759**).

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Carmela Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco nomine deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1955 (Vol. XXXIX.i.473)** ġie osservat hekk:

"*Hu ormai materja ta' jus receptum illi, għalkemm il-proprjeta' tal-legat tgħaddi, mal mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; għalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju għall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI p. 492; XXVIII. Pp 537-543; u Vol. XXIX.i.683)".* Madankollu, fis-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Borg vs Emanuele Vella et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu 1995**, dan it-tagħlim ġie kontestat. Il-Qorti qalet li l-Artikolu 721 tal-Kodiċi Ċivili jagħti lil-legatarju, minn dakinhar li jmut it-testatur, *"… jedd ... li jircievi l-haga mhollija lilu bil-legat"*

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li tul il-Kawża l-partijiet ressqu provi u dokumenti fir-rigward tal-possibilita' o meno dwar id-diviżjoni tal-legat tal-għalqa 'tas-Siġra' fuq imsemmija. Apparti li t-testatur stess ordna fir-raba' artikolu tat-testment fuq imsemmi, li din għandha tkun diviża u li l-porzjonijiet jittellgħu

bix-xorti, il-Qorti mill-ewwel tgħid li din kwistjoni li ma tinteressax lil din il-Qorti. Jekk qatt, sta għall-partijiet li jirregolaw irwieħhom skond il-liġi. Dan jistgħu jagħmluh bejniethom bil-kunsens ta' kulħadd jew bl-appositi proċeduri ulterjuri f'dan ir-rigward.

Il-konvenuta eċċepiet ukoll li l-ġudizzju ma hux integru għaliex Innocent Cutajar ma hux parti fil-Kawża meta anke dan għandu l-kwint (1/5) mill-propjeta' tal-għalqa inkwistjoni. Il-Qorti eżaminat it-testment inkwistjoni u ħlief għal-legat ta' kwint (1/5) indivis ta' l-għalqa inkwistjoni din il-persuna ma tissemmiex fit-testment. Għalhekk ma hemm ebda interess ieħor ħlief din il-porzjoni indiviża. Kien ikun desiderabbli li l-imsemmi kien ukoll fil-kawża biex ikunu evitati multipliċita' ta' spejjes u kawżi. Iżda l-Qorti ma tara ebda ħsara jekk l-Atturi jkunu mmessi fil-pussess tas-sehem indiviż tagħhom, għaliex wara kollox is-sehem indiviż tal-imsemmi Innocent Cutajar mhux ser ikun preġudikat u li ma hemm xejn xi jżommu, jekk jidhirlu, li jagħmel l-istess azzjoni tal-Atturi.

Huwa wkoll ċar li sa fejn jirrigwarda l-legat tal-qabar imħolli lill-Attur Saviour Cutajar żgur li l-imsemmi Innocent Cutajar ma għandu ebda interess. Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta din ser tkun miċħuda.

Sa fejn jirrigwarda l-mertu, il-Qorti ma tara li hemm xejn legalment li josta li jintlaqgħu t-talbiet. Artikolu 721 tal-Kodiċi Ċivili jagħti dan il-jedd bl-aktar mod ċar, aktar u aktar meta għalkemm l-Atturi ma għadx għandhom il-

pussess formali tal-ħaġa mħollija b'legat, huma diġa' huma meqjusa propjetarji tagħha sa mill-jum tal-mewt tad-decujus.

Il-Qorti tinnota wkoll, li l-konvenuta fir-risposta tagħha tgħid li hi minn dejjem riedet timmetti fil-pussess lill-Atturi. Għalhekk ma għandu jkun hemm ebda problema biex ikunu hekk immessi. L-anqas ma ngħataw eċċezzjonijiet ta' natura legali bħal per eżempju li ma ġietx aċċettata l-eredita' jew kien hemm rinunzja tagħha. Anzi, jirriżulta ċar li dan mhux il-każ u dan jista' faċilment ikun desunt, kemm mir-risposta tal-konvenuta u anke mix-xhieda tagħha.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi.**

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi**.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tordna u tikkundanna lill-konvenuta sabiex timmetti fil-pussess lill-Atturi kollha fil-kwint (1/5) indivis tal-għalqa denominata 'Tas-Siġra', li tinsab fi Triq Ħal Safi, Gudja u dan bil-fabbrikat agrikolu kollu li hemm fiha.

**Tilqa' ir-raba' talba Attriċi** u tordna u tikkundanna lill-konvenuta timmetti fil-pussess lill-Attur Saviour Cutajar waħdu tal-qabar numru 7 li jinsab fiċ-ċimiteru parrokkjali tal-Gudja denominat "Tat-Torba".

**Tilqa' il-ħames, is-sitt u s-sebgħa talbiet** Attriċi billi tinnomina lin-Nutar Alexia Sciberras Trigona sabiex tippubblika l-att notarili sabiex bis-saħħa tiegħu l-Atturi jkunu mmessi fil-pussess tal-legati msemmija f'din il-Kawża u liema pubblikazzjoni għandha ssir fil-31 ta' Lulju 2025 fit-tieni sular tal-Qrati tal-Ġustizzja Valletta, fil-11.00am ħdejn il-Kamra tal-Avukati. Il-Qorti qed tinnomina lil Dr. Claudio Zammit bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi biex jidher fuq il-kuntratt imsemmi.

Il-Qorti qed tordna li din is-Sentenza tkun notifikata lin-Nutar Alexia Micallef Trigona u lil Dr. Claudio Zammit sabiex ikunu jafu bil-ħatra tagħhom.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes tal-kawża għandhom ikunu kwantu għall-ħamsin fil-mija (50%) mill-Atturi u l-ħamsin fil-mija (50%) l-oħra mill-konvenuta li għandha tkun ukoll responsabbli għal kull ħlas relatat mal-pubblikazzjoni tal-att fuq imsemmi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**